**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta tal-Erbgha 9 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Guramentat nru: 135/2023 AGV**

**JM**

**Vs**

**HS**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors guramentat tar-rikorrenti JM , tal-25 ta' Mejju 2023;**

Tesponi bir-rispett;

1) Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat mill-liema relazzjoni twieldet tarbija wahda u cioe, MS li twieldet nhar l-ewwel ta April tas-sena elfejn u ghoxrin(2020) u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';

2) Illi r-relazzjoni ta bejn il-partijiet sfaxxat fix-xejn u dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament il-konvenut; Illi r-rikorrenti ghal procedura ta' medjazzjoni li ma tatx frott stante illi l-konvenut irrendilha difficli sabiex jintlahaq kompromess dwar l-access u b` mod specjali l-manteniment versu bintu minuri;

3) Illi ghar-ragunijiet msemmija fil-premess, il-medjazzjoni kellha tinghalaq u l-partijiet gew awtorizzati sabiex jipprocedu b`kawza u dan skond id-digriet hawn anness u mmarkat bhala `Dok B';

4) Illi r-rikorrenti qed issibha difficli mmens kemm ghaliha u kif ukoll ghal bintha stante illi l-konvenut m' ghandux pattern meta u x`hin jigi ghal minuri bintu u anke kien hemm mumenti li halla lir-rikorrenti u lil bintu jistennewh u ma tfaccax bla ebda pre avviz,

5) Illi r-rikorrenti qeghda wkoll tiffaccja diffikultajiet meta l-konvenut jigi ghal bintu stante illi qed jespinha ghal periklu kbir meta jsuq il-vettura biha fuqu jew ihalliha bilqeghda fuq is-seat ta quddiem tal-vettura u ma jittolerax lir-rikoreenti tikkoregih ghas-safety tal-minuri minghajr ma jinjora jew jimpika maghha jew isir aggressiv.

6) Illi r-rikorrenti tixtieq illi l-kura u l-kustodja jibqghu konguniti ixda l-minuri tghix maghha bhala residenza permanenti;

**Ghaldaqstant in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1) Tawtorizza illi l-minuri tghix mar-rikorrenti b`access ta' darbtejn fil-gimgha mal-missier ta' saghtejn kull darba;

2) Tawtorizza sleep over b`mod alternat mill-gimgha ghas-sibt u mis-sibt ghal hadd;

3) Talloka manteniment ta' tlett mija u hamsin ewro versu l-minuri kull xahar;

4) Tordna l-hlas ta' nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri minghand il-konvenut;

5) Tawtorizza l-kunsens ghat tigdid tal-passaport f`isem il-minuri minghand l-omm jekk il-missier jirrifjuta illi jghati l-kunsens tieghu minghajre raguni valida fi hdan il-Ligi;

6) Tawtorizza l-access fil-festi pubblici b`mod alternat inkluz dawk tal-Milied u l-Ewwel tas-sena;

u dan that dawk id-direttivi illi din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkustanzi.

Bl-ispejjez ta' din il-kawza kontra l-intimat li minn issa jinsab ingunt ghas- subizzjoni.

**Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ma ppresentax risposta, u ghalhekk il-Qorti iddikjaratu kontumaci.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u tal-medjazzjoni.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-attrici ressqet dawn il-proceduri sabiex tirregola l-access bejn il-konvenut u l-minuri, u tiffissa l-manteniment pagabbli mill-konvenut. Mill-affidavit tal-attrici, il-partijiet kellhom relazzjoni pjuttost qasira u tempestuza, fejn twieldet il-minuri MKS f'April 2020. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat ftit wara t-twelid tal-minuri, u l-konvenut ma baqax jassisti lill-attrici fit-trobbija tat-tifla. Ghalhekk infethet medjazzjoni bejniethom, li nghalqet f'Marzu 2023 minghajr ezitu

posittiv. L-attrici, ghalhekk, fethet dawn il-proceduri sabiex tirregola l-bzonnijiet tal-minuri.

**Access**

Kwantu ghal access bejn il-konvenut u l-minuri, l-attrici talbet li dan jkun ta' darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba, u 'sleepover' fi tmiem il-gimgha. Il-Qorti hija sajma ghal kollox minn dettalji dwar ir-relazzjoni bejn il-missier u l-minuri. Stante li t-talba qed issir mill-omm, il-Qorti tista' ghalhekk tippresumi li ma hemm ebda diffikulta' ta' esercizzju ta' access. Din il-Qorti kemm-il darba kellha l-opportunita' tishaq fuq l-importanza tal-presenza taz-zewg genituri fil-hajja tat-tfal. Ghalhekk, il-Qorti takkorda access lill-konvenut darbtejn fil-gimgha ghal tlitt sieghat kull darba, u b'mod alternat fi tmiem il-Gimgha darba mill-Gimgha fis-6.00pm sas-Sibt fl-4.00pm, u d-darba ta' wara mis-Sibt ghall-Hadd fl-istess hinijiet.

**Residenza**

Fl-ewwel talba taghha, l-attrici riedet li t-tifla tirrisjedi maghha. Jidher li hekk sar mit-twelid tal-minuri, u l-Qorti ma tara ebda raguni ghalfejn ghandha tvarja dan.

**Manteniment**

L-attrici qed titlob li l-konvenut jhallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €350 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni. Hawnhekk, l-attrici naqset milli tissostanzja t-talba taghha bi prospett dettaljat u ricevuti ta' spejjez illi tinkorri. Lanqas ma esebiet id-dhul taghha o meno. Ghalhekk, peress illi l-Qorti m'ghandha ebda provi ta' dan kollu, il-manteniment li ser jigi likwidat

huwa ta' **<u>€250 fix-xahar</u>**, li jinkludi nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni.

**<u>Passaport tal-minuri</u>**

L-attrici qed titlob li tkun awtorizzata li iggedded il-passaport tal-minuri wehidha, minghajr il-bzonn jew il-htiega li l-konvenut jaghti l-kunsens tieghu. Mill-ftit provi prodotti, jidher li bejn il-partijiet m'ghadx hemm relazzjoni tajba, anzi xejn. Ghalkemm l-attrici mhix qed titlob kura w kustodja wehidha tal-minuri, u ghalhekk il-kura w kustodja ser tibqa' wahda kongunta, madankollu din it-talba tidher wahda gustifikata, ladarba l-partijiet ma jitkellmux bejniethom. Xorta, izda, l-attrici ser jibqalha l-bzonn li tottjeni l-kunsens tal-missier kull meta tkun trid issiefer mal-minuri.

**<u>Festi pubblici</u>**

L-ahhar talba tal-attrici hija li l-festi pubblici jinqasmu bejn il-partijiet. Din hija talba ohra li tikkonferma li l-missier aktarx zamm kuntatt tajjeb ma' bintu. Ghalhekk din it-talba ser tintlaqa'. Minn din is-sena, il-minuri ghandha tqatta' l-Milied ma' ommha u l-Ewwel tas-Sena ma' missierha. L-istess ghandu jigri fil-festi pubblici l-ohra kollha, li ghalhekk ghandhom jalternaw bejn il-partijiet. Ghal dak li jirrigwarda lejliet dawn il-festi pubblici, il-partijiet ghandhom jiehdu hsieb li dawn jalternaw ukoll, u li l-minuri jista' jkollha 'sleepover' fil-lejl ta' qabel il-festa pubblika li jmiss ma' missierha.

**<u>DECIDE:</u>**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TILQA’ T-TALBIET ATTRICI.

Tawtorizza illi l-minuri tghix mar-rikorrenti.

Takkorda access ta’ darbtejn fil-gimgha mal-missier ta tlitt (3) sieghat kull darba;

Tawtorizza sleep over b`mod alternat mill-gimgha ghas-sibt u mis-sibt ghal hadd, kif ipprovdut fis-sentenza.

Talloka manteniment ta’ mitejn u hamsin ewro versu l-minuri kull xahar, li jinkludi nofs l-ispejjez ta’ sahha w edukazzjoni.

Tawtorizza lill-attrici iggedded il-passaport tal-minuri minghajr il-htiega li l-konvenut jghati l-kunsens tieghu;

Takkorda access fil-festi pubblici b`mod alternat inkluz dawk tal-Milied u l-Ewwel tas-sena, hekk kif ipprovdut fis-sentenza;

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Onor. Imhallef Anthony G Vella Cettina Gauci – DEP REG**